MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 212/2007/1

**Kontrollur tad-Dwana**

**vs**

**Anthony Debono bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Paradise Pools Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Novembru, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti provvediment wara li l-intimat *nomine* pprezenta rikors bhala opposizzjoni ghall-ittra ufficcjali tal-Kontrollur tad-Dwana li ggib in-numru 747/07:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors;
>
> Semghet ir-rapprezentanti tal-partijiet;

> Filwaqt li tichad it-talbiet ta’ l-intimat riprodotti fir-rikors tieghu, takkolji t-talbiet inkluzi fir-rikors u konsegwentement tilqa’ t-talba.”

Minn dan il-provvediment appella l-Kontrollur tad-Dwana bl-ilment li l-ewwel Qorti naqset milli tisma’ l-provi tal-partijiet u, konsegwentement, ma kellha ebda bazi biex tasal ghal dak id-dispost taghha;

L-antecedenti li wasslu ghall-provvediment tas-6 ta’ Novembru, 2007, issa impunjat, huma dawn:-

(1) B’ittra ufficcjali tas-7 ta’ Frar, 2007 l-Kontrollur tad-Dwana, permezz tal-procedura lilu akkonsentita mill-Artikolu 466 (1) u (2) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, innotifikata lill-kontroparti bir-reklam tieghu ghall-pagament tas-somma, fl-istess att gudizzjarju indikata, ghall-*anti dumping duty* u l-VAT fuq l-istess;

(2) B’rikors introdott fl-20 ta’ Frar, 2007 is-socjeta` intimata ressqet opposizzjoni taghha ghal din it-talba;

(3) Minghajr ma dan ir-rikors gie notifikat, l-ewwel Qorti ghaddiet biex b’digriet tal-21 ta’ Frar, 2007 laqghet ir-rikors ta’ opposizzjoni. Dan permezz tal-kliem “Tilqa’ t-talba”. Incidentalment, skond id-dispost ta’ l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12, b’ applikabilita` ta’ l-Artikolu 221 ta’ l-istess Kodici, ma jidherx li d-digriet hekk moghti b’dawk il-kliem hu guridikament validu;

(4) Il-Kontrollur tad-Dwana, li fil-frattemp kien intavola mandat ta’ sekwestru ezekuttiv, ipproceda b’rikors ipprezentat fis-16 ta’ Lulju, 2007 ghar-revoka tad-digriet imsemmi tal-21 ta’ Frar, 2007. Dan in bazi ghas-sottomissjoni illi l-Qorti ma kienetx ottemperat ruhha mad-dettami ta’ l-Artikolu 466 (3) tal-Kapitolu 12 relattiv ghall-appuntament tas-smiegh tar-rikors ta’ opposizzjoni mill-kontro-parti;

(5) Dan ir-rikors tal-Kontrollur tad-Dwana gie appuntat ghas-smiegh ghas-27 ta’ Lulju, 2007. F’ din l-

udjenza, skond il-verbal a fol. 11, il-Qorti semghet ir-rapprezentanti tal-partijiet u ddifferiet ir-rikors ghas-6 ta' Novembru, 2007 ghall-provi tal-partijiet;

(6) Mill-verbal ta' l-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2007 (fol. 18) jirrizulta li l-Qorti, ghal darb' ohra, semghet lir-rapprezentanti tal-partijiet u ghaddiet biex dakinhar stess ipprofferiet id-digriet li minnu issa gie intavolat l-appell odjern;

Kif sejjer jigi spjegat hawn taht, huma tnejn l-aspetti guridici li, fil-fehma tal-Qorti, johorgu minn din il-vicenda, u cjoe:-

(1) Fl-ewwel lok, il-Qorti Inferjuri manifestament injorat il-vot tal-ligi dettat fis-subinciz (3) ta' l-Artikolu 466 li jippreskrivi li r-rikors ta' opposizzjoni kellu jigi mill-Qorti notifikat lill-Kap tad-Dipartiment u li sussegwenti ghall-iskadenza tat-terminu f'dan is-subinciz stabbilit ghar-risposta l-Qorti tappunta r-rikors ghas-smigh. Id-digiret tal-21 ta' Frar, 2007 kjarament juri li l-ewwel Qorti ma segwietx dan il-perkors. Fuq il-punt din il-Qorti gja kellha okkazjoni taddentra ruhha *funditus* fuq il-portata ta' l-artikolu tal-ligi succitat u mhux il-lok, hawnhekk li toqghod tirreplika l-fehmiet taghha espressi fis-sentenza fl-ismijiet "**It-Tabib Principali tal-Gvern -vs- Golden Shepherd Group Ltd**", 11 ta' Jannar, 2006 dwar liema tibbasta semplici riferenza;

(2) Fit-tieni lok, l-anqas li kien forsi mistenni kien li l-istess l-ewwel Qorti taderixxi mal-verbal precedenti taghha tas-27 ta' Lulju, 2007 u fejn il-Qorti ddifferiet il-kwestjoni ghall-provi tal-partijiet. Dan ghaliex minn dan il-verbal kien ragjonevoli li wiehed jistenna li fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2007 jigu prodotti l-provi u mhux li semplicement jinstemghu r-rapprezentanti tal-partijiet u f'din l-istess data l-Qorti tghaddi ghall-pronunzjament taghha;

Ikollu jinghad illi taht din l-ottika l-ilment ta' l-appellanti hu wiehed gustifikat in kwantu l-appellanti gie pprivat mill-opportunita` li kellu dritt ghaliha skond l-imsemmi verbal. Dan, s'intendi, jghodd fir-rigward taz-zewg partijiet billi dawn kellhom jinghataw il-possibilita` li jesprimu l-assunti rispettivi taghhom u li jipproducu l-provi ghas-sostenn ta' dawn l-istess assunti. Tali principju, del resto, jikkostitwixxi regola procedurali inderogabbli ta' ordni pubbliku li ghandu dejjem jigi rispettat;

Fuq il-materja l-Qorti ta' l-Appell kolleggjali ssoffermat f'diversi decizjonijiet taghha. Dan sija fir-rigward tan-nuqqas tal-produzzjoni tal-provi sija fil-kaz tan-nuqqas li tigi moghtija l-oportunita` lill-partijiet li jaghmlu d-deduzzjonijiet jew kontro-deduzzjonijiet taghhom. Kif espress, dan ghaliex b'dak il-mod tkun qed tigi kommessa irregolarita` li tammonta ghal vjolazzjoni tal-principju ta' gustizzja naturali in kwantu l-parti interessata ma tkunx inghatat il-possibilita` li tissottometti l-kaz taghha. Ara "**Angelo Mangion -vs- Agostino Mangion**", Appell Civili, 11 ta' Dicembru, 1967. Kif issokta, imbaghad, jigi puntwalizzat, "din mhijiex kwestjoni ta' semplici vjolazzjoni ta' forma, f'liema kaz il-Qorti ma kienetx tannulla s-sentenza, hlief jekk jidhrilha illi, fis-sostanza, mhix gusta. Hawn si tratta ta' sentenza li ma messiex u ma setghetx legalment tinghata fic-cirkostanzi fuq imsemmija". Ara fost ohrajn, "**Markis Anthony Cassar Desain *et* -vs- Giovanni Pace *nomine***", Appell Civili, 4 ta' Dicembru, 1964, "**Emmanuele Fenech -vs- Victor Mansueto**", Appell Civili, 13 ta' April, 1970 u "**Simon Chircop *et* -vs- Avv. Dr. Rene` Frendo Randon *nomine***", Appell Civili, 12 ta' Ottubru, 1979;

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax li hu sewwa li ghandha takkolji l-invit ta' l-appellanti billi hi stess tisma' l-provi u li allura tiddeciedi wkoll fuq il-mertu tat-tieni aggravju taghha. Hu, anzi, rakkomandat illi l-atti jigu rimessi lura lill-ewwel Qorti ghall-fini tat-trattazzjoni tal-kaz biex, ukoll, ma jintilifx il-beneficcju ta' l-ezami doppju.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa’ l-appell, tannulla l-provvediment appellat u tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni mill-gdid wara li tinghata l-opportunita` lill-partijiet li jressqu l-provi u jaghmlu s-sottomissjonijiet rispettivi taghom.  L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------